# DAĦLA

*Ta'* EMANUELE ATTARD

Il-ktieb infetaħ —
Il-kwadri tal-ħajja mgħoddija
Qegħdin jinħarqu;
Tiela' d-duħħan 'il fuq ġo ħbub għajnejja
Jgħamini bil-mod......
Għax xrobt l-imrar il-lum
Il-ferħ tal-bieraħ tliftu......

Passjoni mrażżna,
Milquta mit-taqlib ta' dil-ħajja
B'elf mezz għall-ħażen......
U l-moħħ imtaqqal bil-ħsieb setgħan:
L-għerf jiġġarraf —
Imċaħħad mill-ġuf li xtaqt 'l uliedi jgħixu fih,
Issawwar ġo din ruħi
Id-dell ta' bniedem ħati,
F'dinja marida b'marda bla fejqan!......

L-arloġġ idur — idur
U ż-żmien għaddej
U jien indur mar-riħ;
Naqa' mitluf ġox-xagħri —
Waħdi — Waħdi.
Xi jfisser?
Xi jfisser?
Hi forsi din dik l-ewwel telfa
Tal-ħsieb setgħan?!

Għajjien, in-nifs maqtugħ,
Maħkum minn setta spirti
Tħawwadt, tħawwadt!......
U ruħi għajtet
"Fejn huwa l-kenn?"
U n-nervi xegħlu setgħana
F'kobor il-ħsieb misjuqa lejn il-bidu ta' ġenn!
......U hekk is-sliem?
— Mhu xejn
Għad fadal wisq —
Dan bidu — għad fadal għat-tmiem!

4 ta' Awissu, 1966.